**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Daphne Zammit (ID 57197M)**

**Vs**

**Simon Elmer (ID 251477M)**

Rikors Nru: 36/17

Illum 1ta' Marzu 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Daphne Zammit li jaqra hekk:

Illi r-rikorrenti kienet tikri minghand terza persuna, certu Alexander Abela (ID 167663M) u ohrajn, fond kummercjali *ossia grocery* store bl-isem ta' 'Dagers' fi Triq Alfred Cachia Zammit, Zejtun;

Illi fi Frar 2015 hija dahlet fi ftehim mal-intimat Simon Elmer sabiex dan tal-ahhar ikun hu l-inkwilin il-gdid u dan bil-kunsens tas-sid;

Illi bhala parti mill-ftehim, l-intimat obbliga ruhu li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax–il elf u hames mitt ewro (€17,500) bhala kumpens (ara skrittura annessa u mmarkata bhala Dok A);

Illi minn dan l-ammont l-intimat hallas depozitu ta' hamest elef ewro (€5,000) u obbliga ruhu li jhallas il-bilanc permezz ta' pagamenti mensili ta' elf ewro (€1,000);

Illi l-intimat ghamel numru ta' pagamenti mensili kif miftiehem qabel ma' waqaf ihallas minn Ottubru 2015 'l quddiem (ara sett ta' ricevuti annessi u mmarkati bhala Dok B);

Illi l-intimat baqghalu bilanc ta' erbat elef ewro (€4,000) liema ammont huwa ghadu ma' hallasx minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex jaghmel dan inkluz permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 724/2016 mahrug taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-4 ta' Mejju 2016 (Dok C);

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lill-Bord sabiex:

(1) Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) rapprezentanti bilanc ta' kumpens miftiehem bejn il-partijiet;

(2) Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas dan l-istess ammont lir-rikorrenti flimkien mal-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena kalkolabbli a skaletta mill-20 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 724/2016 fuq imsemmija u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors.

Ra li l-intimat kien debitament notifikat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-provi prodotti rrizulta li:

- Ir-rikorrent permezz ta' skrittura privata datata 3 ta' Gunju 2013 hadet kirja ta' hanut *greem grocer* fi Triq Alfredo Cachia Zammit, Zejtun minghand Alexander Abela ghal perjodu ta' hames snin[1].

- Madwar sentejn wara, ir-rikorrent giet avvicinata minn Simon Elmer u staqsieha jekk kienitx interessata li ccedi l-kirja tal-hanut lilu. Hija wegbitu li kienet lesta li taghmel dan, purche' s-sidien kienu kuntenti bih u huwa jofrilha somma tajba bhala rigal.

- Ghaldaqstant fl-20 ta' Frar 2015 lahqet ftehim mal-intimat sabiex iccedilu l-kirja versu l-prezz ta' €17,500[2]. Dakinhar tal-iffirmar, l-intimat hallasha €5,000 u beda jhallasha €1,000 kull xahar. Biss pero' l-ahhar pagament li l-intimat hallas kien fl-1 ta' Ottubru 2015.

- Ir-rikorrent ezebiet l-ircevuti tal-hlas li saru mill-intimat.

- Illi l-intimat kien debitament notifikat u kien ukoll assistit, biss pero' fl-ahhar differiment id-difensur tal-intimat irrinunzja ghall-patrocinju. L-intimat qatt ma deher quddiem dan il-Bord personalment.

- L-intimat ma pprezentax risposta. Moghti terminu sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, l-intimat ma pprezenta l-ebda nota.

Fid-dawl tar-rizultanzi processwali, l-Bord iqis li r-rikorrenti ppruvat it-talbiet taghha.

[1] Dok DZ1 a fol 35 tal-process
[2] Dok A a fol 3 et seq

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghaldaqstant:

(1) Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) rapprezentanti bilanc ta' kumpens miftiehem bejn il-partijiet;

(3) Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas dan l-istess ammont lir-rikorrenti flimkien mal-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena kalkolabbli a skaletta mill-20 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 724/2016 fuq imsemmija u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors a karigu tal-istess intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**